MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-8 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 1361/2002

**Journazi Hussein**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fic-certifikat tat-twelid tal-attur, iskritt fir-Registru Pubbliku bin-numru ta' Iskrizzjoni 1865/2001 (estratt ta' liema jinsab anness u mmarkat Dok A fl-inkartament fil-kolonna indikattiva tal-lok tat-twelid gie erronjament imnizzel il-kliem 'Soul El Giuma Libya' meta fit-fatt il-lok tat-twelid tat-attur jismu 'Souk Al-Aljumaa Libya' kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tieghu rilaxxat mis-*Civil*

*Status Office* ta' Souk Al-Aljumaa Libya (dok B fl-inkartament).

Illi fl-istess certifikat tat-twelid isem l-attur gie kull darba erronjament indikat bhala ‘Hussein B.' mentri l-attur fil-fatt jismu ‘Hussein’ biss kif jirrizulta mic-cerffikat tat-twelid tieghu rilaxxat mis-*Civil Status Office* ta' Souk Al-Aljumaa Libya (dok B fl-inkartament).

Illi fil-kolonna indikattiva ta' isem missier l-attur, dan gie bhala 'Baghdadi Giornazi' mentri missieru fit-fatt jismu ‘Bogdadi Journazi' kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tieghu rilaxxat mis-*Civil Status Office* ta' Souk Al-Aljumaa Libya (dok B fl-inkartament).

Illi l-attur ghandu interess illi ssir id-debita korrezzjoni.

Illi l-attur ghalhekk talab li l-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi ma ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tordnalu sabiex jikkoregi ic-certifikat ta' twelid li jgib in-numru ta' Iskrizzjoni 1865/2001, liema certifikat jirreferixxi ghall-Hussein Journazi, fis-sens illi (i) fil--kolonna indikattiva tal-lok tat-twelid tal-attur jigu ikancellati il-kliem kollha li jidhru fiha u jigu sostitwiti bil-kliem 'Souk Al- Aljumaa Libya', (ii) kull fejn fic-certifikat jidhru il-kliem ‘Hussein B.', dawn jigu kancellati u sostitwiti bil-kelma ‘Hussein', u (iii) fil-kolonna indikattiva ta' isem u kunjom missier l-attur jigu kancellati il-kliem ‘Baghdadi Giornazi' u sostitwiti bil-kliem ‘Bogdadi Journazi'.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subbizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni attrici w il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 3 sa 4 tal-process;

Rat l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern tal-24 ta’ Jannar 2003.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tas-27 ta’ Frar 2003 a fol 20 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi fil-mertu, bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent mhux edott mill-fatti u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid numru 1865 tas-sena 2001 mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda a fol 20 sa 22 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-llum it-8 t’April 2003 fejn dehret il-mara tal-attur, Anna Journazi, li kkonfermat id-dikjarazzjoni attici bil-gurament fuq il-Koran, u Dr Anthony Cutajar ghall-istess iddikjara li m’ghandux provi aktar. Dr Roma D’Alessandro ghad-Direttur Registru Pubbliku irrimettiet ruhha ghall-provi u ghalhekk il-kawza giet deciza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghall-korrezjoni fic-Certifikat tat-Twelid tal-attur li jgib in-numru 1865/2001 stante li l-istess attur qed jallega li fl-istess certifikat fil-kolonna indikattiva tal-lok tat-twelid gie erronjament imnizzel il-kliem 'Soul El Giuma Libya' meta fit-fatt il-lok tat-twelid tat-attur jismu 'Souk Al-Aljumaa Libya' kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tieghu rilaxxat mis-*Civil Status Office* ta' Souk Al-Aljumaa Libya (Dok B).

Illi qed issir talba wkoll ghall-korrezjoni fl-istess certifikat tat-twelid, fejn isem l-attur gie kull darba erronjament indikat bhala ‘Hussein B.' mentri l-attur fil-fatt jismu ‘Hussein’ biss, kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tieghu rilaxxat mis-*Civil Status Office* ta' Souk Al-Aljumaa Libya (Dok B).

Illi fil-kolonna indikattiva ta' isem missier l-attur, dan gie mnizzel bhala 'Baghdadi Giornazi' mentri missieru fit-fatt jismu ‘Bogdadi Journazi' kif jirrizulta mic-certifikat tat--twelid tieghu rilaxxat mis-*Civil Status Office* ta' Souk Al-Aljumaa Libya (dok B), ghalhekk qed tintalab ukoll korrezzjoni f’dan is-sens.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kontestati, u ghalhekk it-talba kif dedotta ghandha tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu li jikkontrastaw mat-talbiet attrici, **tilqa’ t-talba attrici** kif dedotta fic-citazzjoni, b’dan illi:

1. Tordna li c-certifikat ta' twelid li jgib in-numru ta' Iskrizzjoni 1865/2001, liema certifikat jirreferixxi ghall-Hussein Journazi, jigi emendat fis-sens illi: (i) fil-kolonna indikattiva tal-lok tat-twelid tal-attur jigu kancellati il-kliem kollha li jidhru fiha u jigu sostitwiti bil-kliem 'Souk Al- Aljumaa Libya', (ii) kull fejn fic-certifikat jidhru il-kliem ‘Hussein B.', dawn jigu kancellati u sostitwiti bil-kelma ‘Hussein', u (iii) fil-kolonna indikattiva ta' isem u kunjom missier l-attur jigu kancellati il-kliem ‘Baghdadi Giornazi' u sostitwiti bil-kliem ‘Bogdadi Journazi'.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li kull korrezjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f’gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta’ kopja vera tas-

sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssopportati mill-istess attur, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------